TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 1/17-F

**Doris Sammut**

**vs**

**Home Line Ltd**

Illum 23 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Jannar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija u disgħin ewro (€890), rappreżentanti prezz ta' fridge.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat fridge mingħand is-soċjeta' ntimata illi bdiet tagħmel l-ilma.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, ikkonkluda li jitqabbad espert tekniku, u fil-fatt it-Tribunal qabbad lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jevalwa din il-fridge.

Illi fil-konklużjoni tal-istess espert tekniku, jirriżulta li kien hemm l-ilma speċjalment fuq il-wiċċ ta' l-ixkaffa tal-parti t'isfel tal-fridge u li s-soluzzjoni hi illi l-lastiku li jagħlaq il-bieba jiġi mibdul, u b'hekk il-bieba tal-fridge tkun tista' tingħalaq sewwa.

It-Tribunal, qed jaċċetta r-rapport u l-konklużjoni tal-espert tekniku.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiddeċiedi billi s-soċjeta' ntimata għandha tbiddel il-lastiku tal-bieba tal-fridge in kwistjoni a spejjeż tas-soċjeta' ntimata u b'hekk tintemm il-kwistjoni, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, inklużi l-ispejjeż tal-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888